## Gheluq il-125 sena tas-Soċjeta' - Ħarsa ta' Għaxar Snin mis-Segretarju

**Francis Bonett**

F'egħluq il-125 Anniversarju tal-Każin Vilhena u għaxar snin tiegħi bħala Segretarju, inħares minn meta kont ġejt avviċinat biex nidħol fil-kumitat sal lum. Kien il-mibki Paul Caruana, li dak iż-żmien kien President, li kien talabni jekk nistax ngħinu fil-qadi tad-dmirijiet tal-każin. Illum tlett snin wara li Alla sejjaħlu għal għandu, inħares lejn kif imxejna 'l quddiem minn dak iż-żmien sallum.

L-ewwel ħaġa li kellna x'nagħmlu kienet is-sistema elettrika tal-faċċata tal-każin, li bil-mod u bl-għaqal żidnilha fejn meħtieġ, u wara rajna kif nistgħu inneħħu l-kamra mis-sala tat-tazzi, biex tikber is-sala u fil-festa jkollna fejn nilqgħu lil dawk kollha mistiedna għar-riċeviment li jkollna. Wara dan bdejna niċċaqalqu u fl-1993, daħlu tlett membri ġodda fil-kumitat, li huma Albert Mockridge, Pierre Micallef u Chris Vella, u li ftit warajhom sibna botom żagħżagħ, li bl-għajnuna tagħhom u biċċa xogħol iebsa, bnew sistema elettrika ġdida fil-faċċata, li giet ikkommemorata fil-120 anniversarju tal-każin, fl-1994. L-istess żagħżagħ kienu taw tibjida sħiħa lill-każin minn fuq s'isfel.Kien fl-istess sena, meta fl-istess anniversarju, tellajna akkademja mużiko letterarja, li bil-preżenza tas-Sur Paul Caruana, rajna r-ritmu jimxi aktar malajr, b'aktar għajnuna bħal ta' Stephen Tonna, Jesmond u Philip Micallef, Robert Magro, Mark Ciantar, Conrad Sultana,Hughie Sultana, li magħhom Pierre Micallef, u l-kumplament ħadmu id f'id biex setgħu jibnu każin żaj.

Kien wara dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, li kellna nibdlu s-surmast għal ieħor iżgħar, fejn MichaelBorg ħa d-dire;ija tal-banda minn idejn Alfons Maria Vella,li kien ta' servizz utli g[al ħmistax il-sena. F'dawn is-snin rajna l-aljievi jiżdiedu mhux ħażin, u hawn kien is-sur Paul Caruana, li ħassu ftit ma jiflaħx, li bl-avviċinament ta' wħud, kien ħalla l-Presidenza f'idejn il-President il-ġdid l-Avukat Joseph Zammit Mc Keon, li b'għaqal u interess mexxa lill-każin lejn aktar perfezzjoni. Kienet is-sena ta' wara, jiġifieri 1995, fejn rajna ċorma ta' żagħżagħ ġdida timla l-każin, li kienu Keith Attard, Chris Cauchi, Joseph Piscopo Heathcliff Balzan, Charles Hall u ftit oħra li rawmu kumpanija ġdida. Kien bl-istess interess li wrew li rajna ċorma nisa jgħinu fl-attivitajiet, sa ma waqqfu l-Fergħa Nisa, Giovanna Micallef, Marthese Camoin, Louise Micallef, Lucia Davies u Rita Vella, li ħadmu b'interess sa ma din is-sena wettqu programm ta' ħjata fil-kostumi tal-bandisti u żeffiena fil-karnival. Bl-attivitajiet tagħhom għamlu diversi opri bħal ta' qabilhom, fejn iż-żagħżagħ xtraw katuba u sett platti ġodda, u dawn tal-fergħa nisa għamlu purtieri għas-sala t'isfel u rmaw il-kċina bl-aċċessorji kollha biex jintużaw fil-coffee morninga.

Din is-sena kellna diversi attivitajiet ġodda, fejn rajna l-festival tal-kanzunetta, li sar fl-iskola primarja, il-konkors tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-banda fil-karnival. Bl-għajnuna ta' Lawrence Coleiro, akkwistajna forma li Brian Zammit, Pierre Micallef, Marvic Sultana, Charles Hall u oħrajn ħadmu bla heda biex għamlu l-maskri għall-bandisti kollha, biex stajna naraw il-banda tagħna liebsa kif jixraq.

Dan kollu flimkien max-xogħol kbir li magħha ġġib il-festa, isir kull sena mill-kumitat, li bl-għajnuna ta' Jonathan Grima, rajna l-bini tas-sett għal kull attivita', kif ukoll opri ġodda bħal bnadar u standard flimkien mal-pavaljuni tal-gallarijiet, komplejna nimxu 'l quddiem. Ukoll dejjem rajna l-qlub ġenerużi tal-benefatturi, li dejjem għenu biex il-każin ikun aħjar, lir-reklamaturi li dejjem jirreklamaw f'dan il-ktejjeb, u lilkhom Furjanizi li kull meta nħabbtulkhom il-bieb għal donazzjoni, dejjem naraw kemm hi kbira il-ġenerożita' tagħkom. Nawguralkhom għal festa sabiħa.



Il-mibki Paul Caruana jaqsam kejk ta' l-okkażjoni tal-120 sena , ma membri oħra tal-kumitat fl-10 ta' April 1994.